31976L0432

8.5.1976 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 122/1

# ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

## tas-6 ta'April 1976

## dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati ma' l-mezzi ta' l-ibbrejkjar ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija

(76/432/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [2],

Billi l-ħtiġiet tekniċi li t-tratturi għandhom jissodisfaw bis-saħħa tal-liġijiet nazzjonali jirrelataw inter alia ma' l-mezzi ta' l-ibbrejkjar tagħhom;

Billi dawk il-ħtiġiet ma jaqblux minn Stat Membru għal ieħor; billi huwa għalhekk meħtieġ li l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess ħtiġiet jew bħala żieda għal jew minflok ir-regoli eżistenti tagħhom, sabiex, partikolarment, jippermettu l-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE, li kienet is-suġġett tad-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE ta' l-4 ta' Marzu 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija [3], biex tkun applikata rigward kull tip ta' trattur;

Billi l-ħtiġiet armonizzati huma intenzjonati prinċipalment biex itejbu is-sigurtà fit-triq u fuq ix-xogħol fil-Komunità kollha;

Billi l-approssimazzjoni tal-liġijiet nazzjonali rigward it-tratturi tinvolvi l-għarfien ta' xulxin mill-Istati Membri ta' l-ispezzjonijiet imwettqa minn kull wieħed minnhom ibbażati fuq ħtiġiet komuni; billi, biex din is-sistema biex tiffunzjona b'suċċess, dawn il-ħtiġiet għandhom jkunu applikati mill-Istati Membri kollha b'effett mill-istess data,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

1. 1. "Trattur għall-agrikoltura jew għall-forestrija" tfisser kull vettura bil-mutur mgħammra bir-roti jew *tracks* mingħajr tarf, li jkollha talanqas żewġ fusien, li l-funzjoni prinċipali tagħha tkun il-qawwa tal-ġibda u li tkun iddisinjata speċifikatament biex tiġbed, timbotta, iġġorr jew tħaddem ċerti *power tools,* makkinarju jew karrijiet maħsuba użati għall-agrikoltura jew għall-forestrija. Din tista' tkun mgħammra biex iġġorr tagħbija u passiġġieri.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika biss għal tratturi definiti fil-paragrafu preċedenti li huma mgħammra b'*tyres* pnewmatiċi u li għandhom żewġ fusien u b'velocità massima skond id-disinn ta' bejn 6 u 25 km/siegħa.

[1] ĠU Ċ 5, 8.1.1975, p. 54.
[2] ĠU Ċ 62, 15.3.1975, p. 29.
[3] ĠU L 84, 28.3.1974, p. 10.

*Artikolu 2*

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE jew l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' trattur għar-raġunjiet li ġġandhom x'jaqsmu mal-mezzi ta' l-ibbrejkjar jekk dak it-trattur huwa mgħammar bil-mezzi speċifikati fl-Annessi I sa IV u jekk dawn il-mezzi jissodisfaw il-ħtiġiet meħtieġa stipulati hemmhekk.

*Artikolu 3*

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta r-reġistrazzjoni jew jipprojbixxi l-bejgħ, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' tratturi fuq bażi relatata ma' l-mezzi ta'l-ibbrejkjar tagħhom jekk dawn it-tratturi huma mgħammra bil-mezzi speċifikati fl-Annessi I sa IV u jekk dawn il-mezzi jissodisfaw il-ħtiġiet meħtieġa stipulati hemmhekk

*Artikolu 4*

Stat Membru li ta l-approvazzjoni tat-tip ta' trattur għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li huwa nfurmat bi kwalunkwe modifika f'komponent jew karatteristika msemmija fil-1.1 ta' l-Anness I. L-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandhom jiddeċiedu jekk għandhomx jitwettqu testijiet ġodda fuq it-tip ta' trattur modifikat u jitħejja rapport ġdid. Jekk tali testijiet juru nuqqas ta' qbil mal-ħtiġiet meħtieġa ta' din id-Direttiva, il-modifika ma għandhiex tkun approvata.

*Artikolu 5*

L-emendi neċessarji għall-addattament tal-ħtiġiet ta' l-Annessi biex jiġi kkunsidrat il-progress tekniku għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE.

*Artikolu 6*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippublikaw id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jaqblu ma din id-Direttiva sa l-1 ta' Jannar 1977 u għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan.

Huma għandhom jimplimentaw dawn id-dispożizzjonijiet b'effett mill-1 ta' Ottubru 1977.

2. Wara n-notifika ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi biex jinfurmaw lill-Kummissjoni, fi żmien suffiċjenti għaliha biex tagħmel kummenti, dwar kwalunkwe abbozzi ta' liġi, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li huma beħsiebhom jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 7*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, is-6 ta'April 1976.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. THORN

*ANNESS I*

**DEFINIZZJONIJIET, APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE, APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE, ĦTIĠIET TA' KOSTRUZZJONI U TAGĦMIR**

1. DEFINIZZJONIJIET

1.1. **Tip ta' trattur fir-rigward ta' l-mezzi ta' l-ibbrejkjar**

"Tip ta' trattur fir-rigward ta' l-mezzi ta' l-ibbrejkjar" ifisser tratturi li mhumiex differenti f'i ħwejjeġ essenzjali bħal:

1.1.1. piż mhux mgħobbi, kif definit f'1.18,

1.1.2. piż massimu, kif definit f'1.16,

1.1.3. distribuzzjoni tal-piż bejn il-fusien,

1.1.4. piż massimu teknikament permissibbli fuq kull fus,

1.1.5. disinn ta' veloċità massima,,

1.1.6. tip differenti ta' strument tal-ibbrejkjar (b'riferenza partikolari għall-preżenza jew inkella ta' strumenti biex jibbrejkja karru),

1.1.7. numru u arranġament tal-fusien ibbrejkjati,

1.1.8. tip ta' magna,

1.1.9. ir-*ratio* tat-trasmissjoni globali li jikkorrispondi mal-velocità massima,

1.1.10. dimensjonijiet tat-*tyres* (fusien ibbrejkjati).

1.2. **Strument ta' l-ibbrejkjar**

"Strument ta' l-ibbrejkjar" ifisser kombinazzjoni ta' partijiet li l-funzjoni tagħhom hija li titnaqqas progressivament il-velocità ta' trattur miexi jew li twasslu biex jieqaf, jew li żżommu wieqaf jekk ikun diġà mwaqqaf. Dawn il-funzjonijiet huma speċifikati f'4.1.2. Strument għandu jikkonsisti fil-kontroll, it-trasmissjoni u l-brejkijiet innifishom.

1.3. **Brejk gradwat**

"Brejk gradwat" ifisser ibbrejkjar waqt li, jew fuq l-applikazzjoni jew it-tluq tal-brejkijiet, fil-medda normali ta' l-operazzjoni ta' l-istrument:

1.3.1. is-sewwieq jista' fi kwalunkwe ħin iżid jew inaqqas l-qawwa ta' l-ibbrejkjar permezz ta' azzjoni fuq il-kontroll,

1.3.2. il-forza ta' l-ibbrejkjar taġixxi fl-istess direzzjoni bħall-azzjoni fuq il-kontroll (funzjoni monotonika),

1.3.3. huwa faċli li tagħmel aġġustament suffiċjentement tajjeb lill-qawwa ta' l-ibbrejkjar.

1.4. **Kontroll**

"Kontroll" ifisser il-parti attwata direttament mis-sewwieq biex tforni għat-trasmissjoni l-enerġija meħtieġa biex tibbrejkjaha jew tikkontrollaha. Din l-enerġija tista' tkun l-enerġija muskolari tas-sewwieq, jew enerġija minn sors ieħor ikkontrollat mis-sewwieq, jew kombinazzjoni ta' dawn it-tipi varji ta' enerġija.

1.5. **Trasmissjoni**

"Trasmissjoni" tfisser il-kombinazzjoni ta' komponenti mqiegħda bejn il-kontroll u l-brejk u li tgħaqqadhom it-tnejn operazzjonalment. It-trasmissjoni tista' tkun mekkanika, *hydraulic*, pnewmatika, elettrika jew imħallta. Fejn il-qawwa ta' l-ibbjrejkar hija miġjuba minn jew assistita minn sors ta' enerġija indipendenti mis-sewwieq imma kkontrollata minnu, ir-riserva ta'enerġija fl-istrument tkun ukoll meqjusa bħala parti mit-trasmissjoni.

1.6. **Brejk**

"Brejk" ifisser il-komponent li fih jiżviluppaw il-forzi li jopponu l-moviment tat-trattur. Dan jista jkun brejk ta' frizzjoni (meta l-forzi jkunu ġġenerati bil-frizzjoni bejn iż-żewġ partijiet tat-trattur li jimxu relattivament lejn xulxin), brejk elettriku (meta l-forzi jkunu ġġenerati minn azzjoni elettro-manjetika bejn żewġ partijiet tat-trattur li jimxu relattivament lejn imma mhux f'kuntatt ma' xulxin), brejk fluwidu (meta l-forzi jkunu ġġenerati bl-azzjoni tal-fluwidu mqiegħed bejn żewġ partijiet tat-trattur li jimxu relattivament lejn xulxin), jew brejk tal-magna (meta l-forzi huma dderivati minn żieda kkontrollata fl-azzjoni ta' l-ibbrejkjar tal-magna trasmessa lir-roti). Strument li mekkanikament jillokkja t-trasmissjoni tat-trattur imma li ma jistax ikun użat meta t-trattur huwa miexi għandu jkun meqjus bħala brejk tal-ipparkjar.

1.7. **Tipi differenti ta' strumenti ta' l-ibbrejkjar**

"Tipi differenti ta' strumenti ta' l-ibbrejkjar" ifisser apparat li huwa differenti f'tali rigwardi essenzjali bħal:

1.7.1. il-karatteristiċi ta' komponent wieħed jew iktar, per eżempju il-materjal, il-forma jew id-daqs,

1.7.2. l-arranġament tal-komponenti.

1.8. **Komponent tas-sistema ta' l-ibbrejkjar**

'Komponent tas-sistema ta' l-ibbrejkjar' ifisser waħda mill-partijiet individwali li, meta tiġi armata, tikkostitwixxi l-istrument ta' l-ibbrejkjar.

1.9. **Brejkjar kontinwu**

"Brejkjar kontinwu" ifisser l-ibbrejkjar ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi permezz ta' istallazzjoni li jkollha l-karatteristiċi segwenti:

1.9.1. kontroll waħdieni li s-sewwieq jattwa progressivament, b'moviment waħdieni, mis-sedil tas-sewqan,

1.9.2. l-enerġija wżata għall-ibbrejkjar tal-vetturi li tikkostitwixxi l-kombinazzjoni tal-vettura hija fornuta mill-istess sors (li jista' jkun l-enerġija muskolari tas-sewwieq),

1.9.3. l-istallazzjoni ta' l-ibbrejkjar tiżgura brejkar simultanju jew f'fażijiet addattati ta' kull wieħed mill-kostitwenti tal-vettura tal-kombinazzjoni, tkun xi tkun l-posizzjoniji relattiva tagħhom.

1.10. **Ibbrejkjar semi-kontinwu**

"Ibbrejkjar semi-kontinwu" ifisser brejkjar ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi permezz ta' istallazzjoni li jkollha l-karatteristiċi segwenti:

1.10.1. kontroll waħdieni li s-sewwieq jista' jattwa progressivament, b'moviment waħdieni, mis-sedil tiegħu tas-sewqan,

1.10.2. l-enerġija wżata għall-ibbrejkjar tal-vetturi li tikkostitwixxi l-kombinazzjoni tal-vettura hija fornuta minn diversi sorsi differenti (liema wieħed minnhom jista' jkun l-enerġija muskolari tas-sewwieq),

1.10.3. l-istallazzjoni ta' l-ibbrejkjar tiżgura brejkjar simultanju jew f'fażijiet addattati ta' kull wieħed mill-kostitwenti tal-vettura tal-kombinazzjoni, tkun xi tkun l-pożizzjoni relattiva tagħhom.

1.11. **Ibbrejkjar indipendenti operat bl-enerġija elettrika**

"Ibbrejkjar indipendenti operat bl-enerġija elettrika" ifisser brejkjar ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi permezz ta' strumenti li jkollhom l-karatteristiċi segwenti:

1.11.1. kontroll tal-brejk ta' trattur li huwa ndipendenti mill-kontroll tal-brejk tal-vettura irmunkata; ta' l-aħħar ikun fil-każijiet kollha mmuntat fuq it-trattur b'tali mod li jkun faċilment attwat mis-sewwieq mis-sedil tas-sewqan tiegħu,

1.11.2. l-enerġija muskolari tas-sewwieq mhix l-enerġija wżata għall-ibbrejkjar tal-vetturi rmunkati.

1.12. **Ibbrejkjar indipendenti**

"Ibbrejkjar indipendenti" jfisser brejkjar ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi permezz ta' strumenti li jkollhom l-karatteristiċi segwenti:

1.12.1. kontroll tal-brejk ta' trattur li huwa indipendenti mill-kontroll tal-brejk tat-karru; ta' l-aħħar ikun fil-każijiet kollha mmuntat fuq it-trattur b'tali mod li jkun faċilment attwat mis-sewwieq mis-sedil tas-sewqan tiegħu,

1.12.2. l-enerġija muskolari tas-sewwieq hija l-enerġija wżata għall-ibbrejkjar tal-vetturi rmunkati.

1.13. **Ibbrejkjar awtomatiku**

"Ibbrejkjar awtomatiku" ifisser ibbrejkjar ta' vettura jew vetturi rmunkati li jseħħ awtomatikament fil-każ ta' separazzjoni ta' komponenti tal-kombinazzjoni ta' vetturi kkoppjati, inkluż tali separazzjoni permezz ta' ksur tal-*coupling*, mingħajr l-effett ta' l-ibbrejkjar tal-bqija tal-kombinazzjoni li titnaqqas sostanzjalment

1.14. **Ibbrejkjar ta' l-*inertia* '**

"brejkjar ta' l-inertia" ifisser brejkjar bl-użu tal-forzi ġġenerati bit-karru li jersaq lejn it-trattur.

1.15. **Trattur mgħobbi**

"Trattur mgħobbi" ifisser, għajr fejn hu mistqarr mod ieħor, trattur mgħobbi sal-"piż massimu" tiegħu.

1.16. **Piż massimu**

"Piż massimu" ifisser il-piż massimu teknikament persmissibbli mistqarr mill-manifattur (dan il-piż jista' jkun ogħla minn dak "il-piż massimu awtorizzat").

1.17. **Trattur mhux mgħobbi**

"Trattur mhux mgħobbi" ifisser it-trattur f'ordni li jitħaddem, bit-tankijiet u r-radjatur mimlija, b'sewwieq ta' massa ta' 75 kg, imma mingħajr passiġġieri, aċċessorji ta' għażla jew tagħbija.

1.18. **Piż bla tagħbija**

"Piż bla tagħbija" ifisser il-piż tat-trattur mhux mgħobbi.

2. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE

2.1. Applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE għal tip ta' trattur rigward l-mezzi ta' l-ibbrejkjar għandha tkun sottomessa mill-manifattur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

2.2. Din għandha tkun akkumpanjata minn tliet kopji tad-dokumenti segwenti:

2.2.1. deskrizzjoni tat-tip ta' trattur rigward il-punti msemmija f'1.1.1 sa 1.1.10. In-numri u/jew simboli mogħtija mill-manifattur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għat-tip ta' trattur għandhom jkunu fornuti,

2.2.2. lista ta' partijiet, kull waħda identifikata sewwa, li jikkostitwixxu l-istrument ta' l-ibbrejkjar,

2.2.3. pjanta ta' l-istrument ta' l-ibbrejkjar li turi l-pożizzjoni ta' kull waħda mill-partijiet fuq it-trattur, sabiex tippermetti li l-komponenti varji jkunu lokalizzati u identifikati.

2.3. Dan li ġej għandu ikun ukoll ipprovdut:

2.3.1. trattur, rappreżentattiv tat-tip ta' trattur li għandu ikun approvat,

2.3.2. tali tpenġijiet kif jistgħu jkunu mitluba ta' daqs massimu ta' A4 (210 X 297 mm), jew mitwija għal dan id-daqs u mpinġija fuq l-iskala xierqa.

3. APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE

Il-forma kif illustrata fl-Anness V għandha tkun kompluta u mehmuża ma' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE.

4. ĦTIĠIJIIET TA' KOSTRUZZJONI U TAGĦMIR

4.1. **Ġenerali**

4.1.1. **Strument ta' l-ibbrejkjar**

4.1.1.1. L-istrument ta' l-ibbrejkjar għandu jkun hekk iddisinjat, mibni u nstallat b'mod li jippermetti lit-trattur waqt użu normali li jkun konformi mal-ħtiġiet msemmija hawn taħt, minkejja kwalunkwe vibrazzjoni li għaliha jista' jkun suġġett.

4.1.1.2. Partikolarment, l-istrument ta' l-ibbrejkjar għandu jkun hekk iddisinjat, mibni u installat b'mod li jirreżisti therrija u l-effetti taż-żmien waqt is-servizz, li jistgħu jwasslu għal telf f'daqqa ta' l-effiċjenza ta' l-ibbrejkjar.

4.1.2. *Iffunzjonar ta' l-istrument ta' l-ibbrejkjar*

L-istrument ta' l-ibbrejkjar definit f'1.2 għandu jissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

4.1.2.1. Brejkijiet tas-servizz

4.1.2.1.1. Il-brejk tas-servizz għandu jippermetti l-mozzjoni tat-trattur biex ikun kkontrollat u t-trattur biex jitwaqqaf bla periklu, malajr u effiċjentament, fi kwalunkwe disinn ta' veloċità u bit-tagħbija awtorizzata kemm fit-telgħa kif ukoll f'niżla. Għandu ikun possibbli li l-azzjoni tagħhom tkun irregolata. Dawn il-kondizzjonijiet huma mifhuma li jkunu mwettqa kemm il-darba l-ħtiġijiet ta' l-Anness II jkunu mwettqa.

Is-sewwieq għandu jkun f'pożizzjoni li japplika l-brejk tas-servizz mis-sedil tiegħu u jżomm il-kontroll ta' l-istrument tat-treġija fuq it-trattur almenu b'idu waħda. Il-brejk tas-servizz tat-trattur jista' jkun fih strumenti fuq il-lemin u fuq ix-xellug. Għandu ikun possibbli li jkunu magħqudin flimkien sabiex ikunu attwati f'operazzjoni waħdanija, u possibbli li jerġgħu jkunu maħlula minn ma' xulxin.

Kull strument, fuq il-lemin jew fuq ix-xellug, għandu jollu sistema ta'aġġustament, li tista' tkun kemm manwali jew awtomatika, li tippermetti li l-bilanċ tal-brejkijiet jkun faċilment miġjub lura għan-normal.

4.1.2.2. Brejkijiet ta' l-ipparkjar

4.1.2.2.1. Il-brejk ta' l-ipparkjar għandu jippermetti lit-trattur biex jibqa' wieqaf f'telgħa jew f'niżla anke fl-assenza tas-sewwieq, il-partijiet li jaħdmu jinżammu f'pożizzjoni magħluqa bi strument purament mekkaniku. Dan jista' jinkiseb permezz ta' brejk li jaġixxi fuq it-trasmissjoni. Is-sewwieq għandu jkun kapaċi japplika l-brejk ta' l-ipparkjar mis-sedil tiegħu; azzjoni ripetuta biex tinkiseb l-effiċjenza meħtieġa hija permessa.

4.2. **Il-karatteristiċi ta' l-mezzi ta' l-ibbrejkjar**

4.2.1. Is-sett ta' l-mezzi ta' l-ibbrejkjar li bihom huwa armat trattur iridu jissodisfaw il-ħtiġijiet stabbiliti għall-brejkijiet tas-servizz u ta' l-ipparkjar.

4.2.2. L-mezzi ta' l-ibbrejkjar tas-servizz u ta' l-ipparkjar jistgħu jkollhom komponenti komuni, basta li huma jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

4.2.2.1. għandu ikun hemm ta' lanqas żewġ kontrolli, indipendenti minn xulxin u faċilment aċċessibbli għas-sewwieq mis-sedil tas-sewqan; għandu ikun possibbli li din in-neċessita' tintlaħaq meta s-sewwieq ikun liebes iċ-ċintorin tas-sigurtà,

4.2.2.2. fil-każ ta' ħsara ta' kwalunkwe komponent ta' l-istrument ta' l-ibbrejkjar barra dak tal-brejkijiet (kif definit f'1.6) jew ta' kwalunkwe ħsara oħra fl-istrument ta' l-ibbrejkjar tas-servizz (ħdim ħażin, konsum parzjali jew sħiħ ta' riserva ta' enerġija), għandu ikun possibbli li t-trattur jitwaqqaf bil-mod b'deċelerazzjoni ugwali għal-lanqas 50 % tal-valur stabbilit fi 2.1.1. ta' l-Anness II.

Dawn il-kondizzjonijiet għandhom ikunu ssodisfati meta jinkiseb ibbrejkjar residwu fuq ir-roti lokalizzati fuq iż-żewġ naħattal-pjan lonġitudinali medjan (mingħajr ma t-trattur jiddevja mill-korsa tiegħu).

Għall-iskopijiet ta' din is-sezzjoni, il-lieva u l-*cam assemblies*, jew assemblei simili, permezz ta' liema il-brejkijiet ikunu applikati, ma għandhomx jitqiesu li huma suġġet għal ħsara.

4.2.3. Fejn isir użu ta' enerġija barra dik muskolari tas-sewwieq, jista' ma jkunx hemm bżonn iktar minn sors wieħed ta' tali enerġija (eż. pompa *hydraulic*, kompressur ta' l-arja, eċċ.) basta li l-ħtiġijiet ta' 4.2.2 jkunu milħuqa.

4.2.4. L-istrument ta' l-ibbrejkjar tas-servizz għandu jaġixxi fuq iżewġ roti ta' almenu wieħed mill-fusien.

4.2.5. L-azzjoni ta' l-istrument ta' l-ibbrejkjar tas-servizz għandu ikun distribwit bejn ir-roti ta' l-istess fus simetrikament f'relazzjoni mal-pjan lonġitudinali medjan tat-trattur.

4.2.6. L-istrument ta' l-ibbrejkjar tas-servizz u l-istrument ta' l-ibbrejkjar tal-parkeġġ għandhom jaġixxu fuq uċuh ta' l-ibbrejkjar magħqudin permanentement mar-roti permezz ta' komponenti ta' saħħa adegwata. M'għandux ikun possibbli li wiċċ ta' l-ibbrejkjar ikun mifrud minn mar-roti.

Meta fus wieħed ikun suġġett għall-ibbrejkjar, id-differenzjal ma għandx ikun immuntat bejn il-brejk tas-servizz u r-roti ta' dak il-fus; meta żewġt ifusien ikunu suġġetti għall-ibbrejkjar, id-differenzjal jista' jkun immuntat bejn il-brejk tas-servizz u r-roti ta' wieħed jew taż-żewġt ifusien.

4.2.7. Ittekil fuq il-brejkijiet għandu ikun faċilment kompensat permezz ta' sistema ta'aġġustament manwali jew awtomatiku. Addizzjonalment, il-kontroll u l-komponenti tat-trasmissjoni u l-brejkijiet għandu ikollhom riserva ta' vjaġġar tali, li meta l-brejkijiet jisħnu jew meta l-lastiku tal-brejkijiet ikun laħaq ċertu grad t'ittekil, ibbrejkjar effettiv jkun żgurat mingħajr ma jkun hemm bżonn aġġustament immedjat.

4.2.8. Fi strumenti ta' l-ibbrejkjar *hydraulic*, il-portijiet li jiġu mimlija tal-kontenituri tal-fluwidu għandhom jkunu faċilment aċċessibbli, addizzjonalment il-kontenituri tal-fluwidu tar-riserva iridu jkunu hekk magħmula li l-livell tal-fluwidu tar-riserva jkun jista' jiġi faċilment spezzjonat mingħajr ma jkollhom jinfetħu l-kontenituri.

4.2.9. Kull trattur mgħammar bi brejk attivat minn kontenitur ta' riserva ta' l-enerġija jrid, fejn l-esekuzzjoni ta' l-ibbrejkjar preskritta hija mpossibbli mingħajr l-użu ta' enerġija maħżuna, ikun mgħammar bi strument ta' twissija, flimkien mal-*gauge* ta' pressjoni, li jagħti sinjal li jista' jidher jew jinstema' meta l-enerġija, fi kwalunkwe parti ta' l-istallazzjoni sal-valv tal-kontroll, taqa' għal 65 % jew inqas mill-valur normali tagħha. Dan l-istrument għandu ikun direttament u permanentement magħqud maċ-ċirkwit.

4.2.10. Mingħajr preġudizzju għall-ħtiġijiet ta' 4.1.2.1, fejn l-użu ta' sors ta'enerġija awżiljarja huwa essenzjali għall-operazzjoni ta' l-istrument ta' l-ibbrejkjar, ir-riserva ta' l-enerġija trid tkun tali li tiżgura li, jekk tieqaf il-magna, l-esekuzzjoni tal-brejkijiet tibqa' suffiċjenti biex iwassal lit-trattur biex jieqaf taħt il-kondizzjonijiet preskritti.

4.2.11. Kwalunkwe apparat awżiljarju għandu jiġbed biss l-enerġija tiegħu b'tali mod li l-operazzjoni tiegħu, anke fil-każ ta' ħsarat fis-sors ta' l-enerġija, ma jkunx jista' jikkawża lir-riservi ta' għoti ta' enerġija lill-mezzi ta' l-ibbrejkjar biex jaqgħu taħt il-livell indikat f'4.2.9.

*ANNESS II*

## TESTIJIET TA' L-IBBREJKJAR U AĠIR TA' L-MEZZI TA' L-IBBREJKJAR

1. TESTIJIET TA' L-IBBREJKJAR

1.1. **Ġenerali**

1.1.1. L-esekuzzjoni preskritta għall-mezzi ta' l-ibbrejkjar tas-servizz għandu jkun bbażat fuq d-deċelerazzjoni medja kkalkulata fuq id-distanza tal-waqfien. Id-distanza tal-waqfien għandha tkun id-distanza koperta mit-trattur mill-mument meta s-sewwieq jibda jattwa l-kontroll ta' l-istrument sal-mument li fih it-trattur jieqaf.

L-esekuzzjoni preskritta għall-istrument ta' l-ibbrejkjar tal-parkeġġ għandha tkun ibbażata fuq il-kapaċità biex jinżamm it-trattur stazzjonarju kemm f'telgħa kif ukoll f'niżla.

1.1.2. Għall-approvazzjoni tat-tip ta' kwalunkwe trattur, l-esekuzzjoni ta' l-ibbrejkjar għandha tkun imkejla waqt testijiet fit-triq magħmula taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

1.1.2.1. Il-kondizzjoni tat-trattur rigward piż trid tkun preskritta għal kull tip ta' test u tkun speċifikata fir-rapport tat-test,

1.1.2.2. waqt it-testijiet il-forza applikata fuq il-kontroll tal-brejk sabiex tinkiseb l-esekuzzjoni preskritta ma tistax teċċedi is-60 daN fuq il-pedala tal-kontroll u l-40 dan fuq il-kontrolli mħaddma bl-idejn,

1.1.2.3. it-triq għandu ikollha wiċċ li jaffordja adeżjoni tajba,

1.1.2.4. it-testijiet iridu jsiru meta ma jkunx hemm riħ li jista' jaffettwa r-riżultati,

1.1.2.5. fil-bidu tat-testijiet it-*tyres* iridu jkunu keshin u fil-pressjoni preskritta għat-tagħbija li attwalment iġorru r-roti meta t-trattur ikun wieqaf,

1.1.2.6. L-esekuzzjoni preskritta trid ikun miksuba mingħajr illokkjar tar-roti, mingħajr devjazzjoni tat-trattur mill-korsa tiegħu, u mingħajr vibrazzjonijiet mhux normali.

1.1.3. Waqt it-testijiet, it-trattur għandu jkun mgħammar bi kwalunkwe partijiet intenzjonati mill-fabbrikant għall-operazzjoni ta' l-mezzi ta' l-ibbrejkjar tal-vettura rmunkata kif msemmi fil-1.9. 1.10, 1.11 u 1.12 ta' l-Anness I.

1.2. **Test tat-tip 0**

(test ta' esekuzzjoni ordinarja bil-brejkijiet keshin)

1.2.1. *Ġenerali*

1.2.1.1. Il-brejkijiet iridu jkunu keshin fil-bidu tat-test. Brejk huwa kkunsidrat li jkun kiesaħ jekk titwettaq kwalunkwe waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

1.2.1.1.1. it-temperatura mkejla fuq id-disk jew fuq barra tad-dramm trid tkun taħt il-100 °C,

1.2.1.1.2. fil-każ ta' brejkijiet magħluqin għal kollox, inklużi brejkijiet mgħaddsin fiż-żejt, it-temperatura mkejla fuq barra l-qafas trid tkun taħt 50 °C,

1.2.1.1.3. il-brejkijiet ma għandhomx ikunu thaddmu għal siegħa.

1.2.1.2. Matul it-test ta' l-ibbrejkjar, fus mhux ibbrejkjat, meta jkun jista' jiġi maħlul, ma jridx ikun magħqud ma' fus ibbrejkjat.

1.2.1.3. It-test għandu isir taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

1.2.1.3.1. it-trattur għandu ikun mgħobbi sal-piż massimu tiegħu, b'fus mhux ibbrejkjat mgħobbi wkoll sal-piż massimu teknikament permessibli; ir-roti tal-fus ibbrejkjat iridu jkunu mgħammra bl-ikbar *tyres* intenzjonati għal dak it-tip ta' trattur mill-manifattur. Għal tratturi li jibbrejkjaw fuq ir-roti kollha, il-fus ta' quddiem għandu ikun mgħobbi sal-piż massimu teknikament permessibli.

1.2.1.3.2. it-test għandu ikun ripetut fuq trattur mhux mgħobbi li jġorr biss is-sewwieq u jekk ikun hemm bżonn persuna responsabbli għas-segwien tar-riżultati tat-test; it-trattur għandu ikun mgħammar bl-ikbar *tyres* rakkomandati mill-manifattur,

1.2.1.3.3. il-limiti preskritti għall-esekuzzjoni minima, kemm għat-testijiet bit-trattur mhux mgħobbi kif ukoll għat-testijiet bih mgħobbi, ikunu dawk stabbiliti fi 2.1.1,

1.2.1.3.4. it-triq trid tkun livellata.

1.2.2. *It-test tat-tip 0 għandu jitwettaq:*

1.2.2.1. bid-disinn ta' veloċità massima bit-trasmissjoni newtrali,

1.2.2.2. tolleranza ta' ± 10 % hija permessa fuq il-veloċità tat-test,

1.2.2.3. l-esekuzzjoni minima preskritta trid tkun milħuqa.

1.3. **Test tat-tip I**
(test ta' *fade*)

1.3.1. Tratturi mgħobbija għandhom ikunu ttestjati b'tali mod li d-dħul ta' l-enerġija tkun ekwivalenti għal dik irrekordjata fl-istess perijodu ta' żmien bi trattur mgħobbi misjuq b' veloċità fissa ta' 80 % - 5 % ta' dik stabbilita għat-testijiet tat-tip 0 f'niżla ta' 10 % għal distanza ta' 1 km, bit-trasmissjoni fin-newtral.

1.3.2. Fl-aħħar tat-test, l-esekuzzjoni residwa ta' l-istrument ta' l-ibbrejkjar tas-servizz għandha tkun imkejla taħt l-istess kondizzjonijiet tat-test tat-tip 0 bit-trasmissjoni fin-newtral (taħt kondizzjonijiet ta' temperaturi differentital-rotta).

2. AĠIR TA' L-MEZZI TA' L-IBBREJKJAR

2.1. **L-mezzi ta' l-ibbrejkjar tas-servizz**

2.1.1. *Il-brejkijiet tas-servizz ta' tratturi għandhom:*

2.1.1.1. taħt kondizzjonijiet tat-test tat-tip 0 jiksbu deċelerazzjoni medja, ikkalkulata mid-distanza tal-waqfien, ta' lanqas ta' 2 74 m/s2,

2.1.1.2. wara t-test tat-tip I, jipproduċu esekuzzjoni residwa ta' mhux inqas minn 75 % ta' dik preskritta, u mhux inqas minn 60 % tal-valur irrekordjat waqt it-test tat-tip 0 (bit-trasmissjoni fin-newtral).

2.2. **L-mezzi ta' l-ibbrejkjar tal-parkeġġ**

2.2.1. L-istrument ta' l-ibbrejkjar tal-parkeġġ irid, anke jekk hu ikkombinat ma' wieħed mill-mezzi l-oħra ta' l-ibbrejkjar, ikun kapaċi jżomm trattur mgħobbi wieqaf f'telgħa jew niżla ta' 18 % pendenza.

2.2.2. Dwar tratturi li magħhom huwa awtorizzat l-irmonk ta' wieħed jew iktar karrijiet, l-istrument ta' l-ibbrejkjar tal-parkeġġ tat-trattur għandu ikun kapaċi jżomm il-kombinazzjoni tal-vettura, inkluż t-trattur mhux mgħobbi u t-karru mhux ibbrejkjat ta' l-istess piż (li ma jeċċedix tliet tunnellati metriċi), wieqaf f'telgħa jew niżla ta' 12 % pendenza.

2.2.3. Strument ta' l-ibbrejkjar tal-parkeġġ li għandu ikun attwat diversi drabi qabel ma tinkiseb l-esekuzzjoni preskritta huwa permissibbli.

*ANNESS III*

**BREJKIJIET TAL-MOLOL**

1. DEFINIZZJONI

"Brejkijiet tal-molol" huma brejkijiet għal liema l-enerġija meħtieġa għall-ibbrejkjar hija fornuta minn waħda jew iktar molol li jaġixxu bħala akkulumaturi ta' l-enerġija.

2. ĦTIĠIJIET SPEĊJALI

2.1. Brejk tal-molol ma' jistax jintuża bħala brejk tas-servizz.

2.2. Varjazzjoni żgħira fi kwalunkwe limiti ta' pressjoni li tista' tiġri fil-kamra tal-kompressjoni tal-brejk ma għandhiex tikkawża varjazzjoni sinifikanti fil-qawwa ta' l-ibbrejkjar.

2.3. Iċ-ċirkwit li jagħti lill-kamra tal-kompressjoni tal-molla għandu jinkludi riserva ta'enerġija li ma tforni l-ebda strument jew apparat ieħor. Din il-ħtieġa ma tapplikax jekk il-molol jkunu jistgħu jkun mantnuti fl-istat kompressat billi jiġu użuti żewġ sistemi indipendenti jew iktar.

2.4. L-istrument għandu jkun hekk iddisinjat li jkun possibbli biex tapplika u tħoll il-brejkijiet ta' lanqas tliet darbiet li jibdew bi pressjoni inizjali fil-kamra tal-kompressjoni tal-molla ugwali għall-pressjoni massima iddisinjata. Din il-ħtieġa trid tintlaħaq meta l-brejkijiet jkunu aġġustati qrib xulxin kemm jista' jkun.

2.5. Il-pressjoni fil-kamra tal-kompressjoni taħt liema il-molol jibdew jattwaw il-brejkijiet, b'ta' l-aħħar aġġustati kemm jista' jkun qrib xulxin, ma tistax tkun ikbar minn 80 % tal-livell minimu tal-pressjoni normali li tista' tagħmel użu minnha.

2.6. Meta l-pressjoni fil-kamra tal-kompressjoni tal-molla taqa' fil-livell ta' liema l-partijiet tal-brejk jibdew jiċċaqilqu, għandu jkun attivat sinjal ta' twissija li jkun jidher jew jinstema'. Jekk din il-ħtiega hija milħuqa, l-istrument ta' twissija jista' jkun dak speċifikat f'4.2.9 ta' l-Anness I.

2.7. Fuq tratturi mgħammra bi brejkijiet tal-molol u awtorizzati li jiġbdu karrijiet bi brejkijiet kontinwi jew semi-kontinwi, applikazzjoni awtomatika tal-brejkijiet tal-molol trid tikkawża li jkunu applikati l-brejkijiet tat-karru.

3. SISTEMA TA' ĦELSIEN

3.1. Brejkijiet tal-molol iridu jkunu hekk iddisinjati li, fil-każ ta' ħsara, jkun possibbli li jkunu meħlusa mingħajr l-użu tal-kontroll normali tagħhom. Dan jista' jinkiseb bl-użu ta' strument awżiljarji (pnewmatiku, mekkaniku, eċċ.)

3.2. Jekk l-operazzjoni ta' l-istrument awżiljarji li hemm riferenza għalih fi 3.1 jeħtieġ l-użu ta' għodda jew spaner, l-għodda jew spaner iridu jinżammu fuq it-trattur.

*ANNESS IV*

**IBBREJKJAR TAL-PARKEĠĠ B'GĦELUQ MEKKANIKU TAĊ-ĊILINDRI TAL-BREJK (*LOCK ACTUATORS*)**

1. DEFINIZZJONI

"Illokkjar mekkaniku" taċ-ċilindri tal-brejk' jfisser strument biex jiżgura l-operazzjoni tal-brejk tal-parkeġġ b'files mekkaniku fuq il-virga tal-*piston* tal-brejk.

Illokkjar mekkaniku jseħħ meta l-kamra ta' l-illokjar titbattal mill-arja kkompressata; l-istrument ta' l-illokkjar mekkaniku għandu jkun iddisinjat b'tali mod li jkun jista jinħeles meta l-kamra ta' l-illokkjar terġa' tkun suġġetta għall-presjoni.

2. ĦTIĠIJIET SPEĊJALI

2.1. Meta l-pressjoni fil-kamra ta' l-illokkjar toqrob lejn il-livell korrispondenti għall-illokkjar mekkaniku, sistema ottika jew akustika ta' twissija trid tkun attivata.

2.2. Fil-każ ta' attwaturi ta' l-ibbrejkjar mgħammra bi strument ta' illokkjar mekkaniku, l-attwatur tal-brejk għandu ikun addattat biex jiġi attwat b'kull waħda minn żewġ riservi ta' l-enerġija.

2.3. Iċ-ċilindru tal-brejk illokkjat jista' jinħall biss jekk ikun ċert li l-brejk jista' jkun operat mill-ġdid wara tali ħelsien.

2.4. Fil-każ ta' ħsara fis-sors ta' l-enerġija li tissupplixxi lill-kamra ta' l-illokkjar, strument għall-ħelsien awżiljarju (mekkaniku jew pnewmatiku, per eżempju) li juża, per eżempju, l-arja f'wieħed mit-*tyres* tat-trattur għandu ikun pprovdut.

*ANNESS V*

MUDELL

Isem l-amministrazzjoni

**L-ANNESS GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE**

**APPROVAZZJONI TA' L-APPARAT TA' L-IBBREJKJAR GĦAL TRATTURI BIR-ROTI TA' L-AGRIKOLTURA JEW TAL-FORESTRIJA**

(L-Artikoli 4(2) u 10 Tad-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE ta' l-4 ta'Marzu 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija, li jkollhom disinn ta' velocità massima ta' bejn 6 u 25 km/siegħa)

Approvazzjoni tat-tip tal-KEE Nru .....

1. Marka (isem il-kumpanija jew id-ditta) .....
2. Tip u deskrizzjoni kummerċjali .....
3. Isem u indirizz tal-manifattur .....
4. Isem u indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur (jekk hemm) .....
5. Il-piż tat-trattur mhux mgħobbi .....
6. Distribuzzjoni ta' piż mhux mgħobbi bejn il-fusien ..... (kg)
7. Piż massimu tat-trattur .....
8. Distribuzzjoni tal-piż massimu tat-trattur fuq kull fus kif msemmi fil-1.2.1.3.1 ta' l-Anness II .....
9. Marka u tip tal-qxur tal-brejkijiet .....
10. Tip ta' magna .....
11. Ir-*ratio* ta' trasmissjoni fuq kollox li jikkorrispondi mal-veloċità massima .....

.....

12. Dimensjonijiet tat-*tyres*

12.1 L-ikbar *tyres* (fusien ibbrejkjati) .....

.....

12.2 *Tyres* li jissapportjaw l-ikbar piż teknikament permessibli (fusien mhux ibbrejkjati) .....

.....

13. Veloċità massima tat-trattur .....
14. Numru u arranġamenti tal-fusien ibbrejkjati .....
15. Deskrizzjoni ħafifa ta' l-istrument tal-brejk .....
16. Piż tat-trattur fil-ħin ta' l-ittestjar:

| | Mgħobbi | Mhux mgħobbi |
|---|---|---|
| L-ewwel fus | ..... | ..... |
| It-tieni fus | ..... | ..... |

17. Dimensjonijiet tat-*tyres* użati waqt it-test:

| | Fus 1 | Fus 2 |
|---|---|---|
| Dimensjonijiet tat-*tyre* | ..... | ..... |

18. Riżultat tat-testijiet ta 'l-ibbrejkjar:

| | | Speed tat-test (km/siegħa) | Esekuzzjoni kkalkulata f'm/s$^2$ | Forza mkejla applikata għall-kontroll (daN) |
|---|---|---|---|---|
| 18.1. | Esekuzzjoni ta' l-ibbrejkjar tas-servizz | | | |
| 18.1.1 | Test tat-tip 0 | | | |
| | Mhux mgħobbi | ..... | ..... | ..... |
| | Mgħobbi | ..... | ..... | ..... |
| 18.1.2 | Testijiet tat-tip I | ..... | ..... | ..... |

18.2 Esekuzzjoni ta' l-ibbrejkjar fil-parkeġġ

Pożittiv/Negattiv [1]

19. Trattur sottomess għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE fil- .....

20. Is-Servizz tekniku li qed imexxi t-testijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip .....

21. Data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz .....

22. Numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz .....

23. L-Approvazzjoni tat-tip tal-KEE rigward l-ibbrejkjar hija mogħtija/miċħuda [1]

24. Post .....

25. Data .....

26. Firma .....

27. Id-dokumenti li għalihom hemm riferenza fi 2.2.1 sa 2.2.3 ta' l-Anness I huma mehmużin hawn.

[1] Delete as appropriate.